MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 808/2002/1

**Avviz Numru 808/02 AJD**
**Leo Refalo**

**vs**

**Jesmond Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' April 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tnejn u tletin lira Maltin u disa' u sebghin centezmu (Lm532.79) rapprezentanti Danni volontarjament kagunati mill-konvenut lill-attur meta l-itess konvenut dahal fil-propjeta' atal-attur , cioe' Liberty Bar, u kkaguna hsarat.

Bl-ispejjes, nkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-25 ta' Marzu 2002 u bl-imghax mid-data tal-incident sal-llum.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li l-pretensjonijiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kienx hu li kkaguna hsara fil-propjeta' tal-attur.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Marie Louise Refalo, ta' Simon Spiteri, Mario Borg u ta' PS 768 Silvio Brincat. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi l-attur prova sodisfacentement li l-konvenut ikkagunalu hsara fil-propjeta' tieghu u dan permezz tal-produzzjoni ta' diversi xhieda li raw lill-konvenut volontarjament u minghajr ebda raguni valida jikkaguna din il-hsara. Inoltre l-istess attur esibixxa l-ircevuti relattivi ghad-danni minnu reklamati. Il-konvenut min-naha l-ohra qatt ma deher sabiex jissostanzja l-eccezzjonijiet tieghu.

Ghal dawn il-motivi, peress li t-talbiet attrici jirrizultaw sodisfacentement pruvati, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tnejn u tletin lira Maltin u disa' u sebghin centezmu (Lm532.79), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**